

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

18.4.2007

B6-0156/2007

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

impressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjonijiet mill-Kunsill u mill-Kummissjoni

skond l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura

impressqa minn Joseph Daul, Ignacio Salafranca, Elmar Brok, Charles Tannock, Bogdan Klich, Georgios Papastamkos, Robert Sturdy, Alexander Radwan, John Bowis, Georg Jarzembowski u Malcolm Harbour

f'isem il-Grupp PPE-DE

dwar is-Samit EU-US li ġej f'Washington DC fit-30 ta' April 2007

Ir-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-Samit EU-US li ġej f'Washington DC fit-30 ta' April 2007

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni preċedenti tiegħu dwar ir-relazzjonijiet transatlantiċi, b'mod partikolari ż-żewġ risoluzzjonijiet tiegħu ta' l-ta' Ġunju 2006 dwar it-titjib tar-relazzjonijiet EU-US fil-qafas ta' Ftehma ta' Sħubija Transatlantika u fuq relazzjonijiet ekonomiċi transatlantiċi EU-US.
- wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - A. billi l-Isħubija Transatlantika hija pedament tal-politika esterna ta' l-Unjoni, ibbażata fuq il-valuri in komuni ta' ħelsien, demokrazija, drittijiet tal-bniedem u stat tad-dritt,
 - B. billi s-suq transatlantiku huwa l-ikbar relazzjoni bilaterali ta' kummerċ u investiment fid-dinja, li jipprovdi impjieg għal fuq minn 14 000 000 persuna fl-UE u l-Istati Uniti u li jiġġenera bejn wieħed u ieħor 2.79 triljun Euro (2005); billi tikkonsisti minn bejn wieħed u ieħor 57% tal-prodott gross domestiku tad-dinja u għal 40% tal-kummerċ tad-dinja, ir-relazzjoni tibqa' ż-żewġ magni ta' l-ekonomija tad-dinja,
 - C. billi, minħabba l-irwol tagħhom fl-ekonomija tad-dinja, l-imsieħba transatlantiċi jaqsmu r-responsabilità għall-istat ta' governanza globali u għal soluzzjonijiet għall-isfidi globali,
 - D. billi l-ordni politika u ekonomika globali tgħaddi minn tibdiliet ewlenin preżenti, li twassal għal sfidi politiċi u ekonomiċi sinifikanti u timplika theddid serju ta' sikurezza, soċjali u ambjentali,
 - E. billi sħubija b'saħħitha u li taħdem bejn l-UE u l-Istati Uniti hija l-għodda vitali biex l-iżvilupp globali jieħu forma fl-interessi tal-valuri komuni u fuq il-bażi ta' multilateraliżmu effettiv u l-liġi internazzjonali; billi t-tmexxija politika b'saħħitha u konsistenti hija rikjesta biex tippermetti lill-imsieħba jilhqqu din il-mira; billi t-tmexxija politika b'saħħitha u konsistenti hija rikjesta biex tippermetti lill-imsieħba jilhqqu din il-mira,
 - F. billi l-Parlament Ewropew talab kemm-il darba għal Ftehma ta' Sħubija Transatlantika biex tieħu post l-Aġenda Transatlantika l-ġdida mill-1995 u biex tiftaħ it-triq għall-istabbiliment ta' suq transatlantiku sa l-2015,
 - G. billi s-Senat ta' l-Istati Uniti appoġġja din l-inizjattiva fir-risoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Diċembru 2006, u ħeġġeġ lill-kapijiet ta' l-Istati Uniti u ta' l-Unjoni Ewropea biex jaqblu dwar l-2015 bħala data għall-mira li jitlesta s-suq transatlantiku,

1. Jappoġġja bis-sħiħ l-inizjattiva tal-President tal-Kunsill Ewropew, Angela Merkel, biex titwaqqaf Sħubija Ekonomika Transatlantika Ġdida li ssaħħaħ il-pożizzjoni kemm ta' l-imsieħba fil-kompetizzjoni globali u tippermettilhom jagħmlu użu aħjar tal-potenzjal ta' l-ekonomiji tagħhom, mingħajr ma jsir ebda ħsara lin-negożjati multilaterali tal-kummerċ inkluż id-Doha-round;
2. Ifakkar il-bżonn li tingħaqad din l-inizjattiva ekonomika ma' fteħima ta' qafas ġdida biex jiġi provdut pedament istituzzjonali u politiku xieraq li jfittxu li jilhqqu objettivi politiċi u ekonomiċi komuni u li flimkien joħduha kontra l-isfidi tas-seklu 21;
3. Huwa konvint li huwa biss permezz ta' fteħima bħal din li r-relazzjoni transatlantika tista' tiġi ankrata fi struttura istituzzjonalizzata soda ta' koordinazzjoni u konsultazzjoni eżekuttivi regolari li jippermettu lill-imsieħba jaħdmu sabiex jilhqqu l-objettivi komuni b'mod aktar konsistenti u stabbli;
4. Jitlob lill-Presidenti tal-Kunsill Ewropew, tal-Kummissjoni Ewropea u ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika biex jużaw l-opportunità tas-Samit UE-US ta' April 2007 ħalli jinbdew in-negożjati ta' Fteħima ta' Sħubija Transatlantika u ħalli flimkien jimpenjaw ruħhom għal pjan direzzjonali li jorbot għall-akkwist ta' suq transatlantiku bla fruntieri sa l-2015;
5. Jippromwovi l-parteċipazzjoni tal-Kungress ta' l-Istati Uniti u tal-Parlament Ewropew f'dan il-proċess; jitlob lis-Samit UE-US biex jappoġġja d-dimensjoni parlamentari tas-sħubija u biex il-leġiżlaturi jkunu involuti iżjed mill-qrib fid-djalogu bejn l-eżekuttivi ta' l-UE u ta' l-Istati Uniti;
6. Huwa ta' l-opinjoni li l-pjan direzzjonali biex jintlaħaq suq transatlantiku sa l-2015 għandu jkollu kalendarju li jorbot b'miri speċifiċi u li jitkejlu fuq tul ta' żmien medju, b'mod partikolari fir-rigward tal-koperazzjoni regolatorja, ta' l-investment, tad-drittijiet tal-propjetà intellettwali, ta' l-innovazzjonijiet, ta' l-akkwist pubbliku u tar-relazzjoni bejn il-kummerċ u s-sigurtà;
7. Jirrakkomanda li l-Forum Regolatorju ta' Livell Għoli UE-US huwa msaħħaħ billi l-kaprijiet ta' awtoritajiet regolatorji rilevanti jiġu nominati bħala membri permanenti;
8. Jišhaq fuq il-bżonn li jsir studju konġunt ta' ostakoli eżistenti għall-ħolqien ta' suq transatlantiku, inkluża analiżi tal-benefiċċju mil-lat ta' l-ispejjeż u analiżi ta' settur b'settur tat-tneħħija tagħhom;
9. Iħeġġeġ bis-sħiħ lill-imsieħba biex jikkommettu ruħhom ħalli jevitaw djun pubbliċi eċċessivi li qalb affarijiet oħra jiggravaw l-iżbilanċi esterni, iħeġġeġ iżjed fl-akkwist ta' livell fir-rata ta' skambju Euro-dollar li jgħin fil-promozzjoni ta' integrazzjoni ekonomika; jišhaq l-importanza tal-bini ta' bażi ekonomika stabbli għat-twaqqif ta' suq transatlantiku;
10. Iħeġġeġ lill-Amministrazzjoni ta' l-Istati Uniti u lill-Presidenza ta' l-UE u lill-Kummissjoni Ewropea biex waqt is-Samit jiffirmaw il-Fteħima għat-Trasport ta' l-Ajru tat-2 ta' Marzu 2007 bejn l-Amministrazzjoni ta' l-Istati Uniti u l-Kummissjoni Ewropea bħala l-fteħima fl-ewwel stadju għall-koperazzjoni l-ġdida bejn l-Istati Uniti u l-UE

fiż-Żona importanti ħafna ta' l-Avjazzjoni Transatlantika; jispera li l-Istati Uniti tirratifika din il-ftehimha u jħeġġeġ liż-żewġ naħat biex kemm jista' jkun malajr jibdedw in-negozjati tal-ftehimha fit-tieni stadju;

11. Jitlob lill-Istati Uniti u l-pajjiżi l-oħra kollha li jużaw viżas għad-dħul f'ċertu Stati Membri ta' l-UE biex ineħħu immedjatament ir-reġim tal-viża u biex jittrattaw iċ-ċittadini kollha ta' l-Istati Membri ta' l-UE b'mod ugwali; jiddispijaċih dwar l-inklużjoni ta' "klawżola għall-informazzjoni komuni" addizzjonali (klawżola PNR) fit-tibdiliet proposti għall-Programm għat-Tneħħija tal-Viża ta' l-Istati Uniti;
12. Iħeġġeġ lill-mexxejja ta' l-UE u ta' l-Istati Uniti biex jikkommettu ruħhom għall-konklużjoni b'suċċess mingħajr dewmien tad-Doha Round tad-WTO; jirreferi wkoll għall-'Green Box' fl-agrikultura, isahħa strateġija komuni dwar it-transkonformità, il-bijofjuwils, il-benesseri ta' l-annimali, is-saħħa ta' l-annimali u l-influenza tat-tjur; u jefasizza fuq l-importanza tal-ftehimha bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar l-inbid;
13. Jitlob liż-żewġ imsieħba biex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom dwar l-enerġija u s-sigurtà ta' l-enerġija, biex jiġġieldu għall-istabbiliment ta' suq globali, stabbli u prevedibbli għall-enerġija bbażat fuq ir-regoli tas-suq u biex ifittxu li jinkludu dispożizzjonijiet li jiggvernew il-kummerċ ta' l-enerġija fir-regolamenti tad-WTO;
14. Iħeġġeġ bis-sħiħ liż-żewġ imsieħba biex jaqblu dwar approċċ konġunt dwar il-bidla klimatika bl-għan aħħari li jillimitaw it-tisħin globali permezz ta' kontribuzzjonijiet ġusti għat-tnaqqis ta' l-emmissjonijiet tal-gassijiet bl-effett ta' serra minn pajjiżi żviluppati u li qed jiżviluppaw, għal sistema effettiva ta' emmissjonijiet tal-karbonju u għall-promozzjoni ta' teknoloġiji ġodda;
15. Jistenna li s-Samit jipprepara t-triq għal ftehimha tas-Samit G8 f'Ġunju għat-twaqqif ta' reġim post-Kyoto dwar l-emmissjonijiet li jkun jinvolvi lill-Istati Uniti u ekonomiji emerġenti ewlenin bħaċ-Ċina, il-Brażil, l-Indja, il-Messiku, l-Afrika t'Isfel u l-Indonesja;
16. Jinsab diżappuntat li waqt il-laqgħa tal-ministri għall-ambjent tal-G8 ta' Marzu fil-Ġermanja, l-Istati Uniti rrifjutat iċċedi dwar il-miri għat-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, dwar il-ħolqien ta' sistema globali għall-kummerċ tal-karbonju u dwar għajjnuna finanzjarja biex tgħin lil pajjiżi li qed jiżviluppaw jiproteġu l-klima u l-ambjent in ġenerali;
17. Jitlob biex it-tibdil fil-klima jiġi diskuss regolarment fil-livell tad-delegazzjoni interparlamentari u fil-kuntest tad-Djalogu Leġiżlattiv Transatlantiku;
18. Jilqa' bis-sħiħ il-klima mtejba fir-relazzjonijiet ta' l-UE u l-Istati Uniti fuq bażi ugwali; jemmen li dan l-isfond pożittiv joffri opportunitajiet serji għall-UE u l-Istati Uniti biex jaħdmu flimkien mill-qrib fuq firxa wiesgħa ta' sfidi tal-politika ta' interess komuni; b'mod speċjali fl-approċċ komuni lejn il-Balkani tal-Punent, ir-reġjun tal-Kawkażja t'Isfel, l-Ażja Ċentrali, il-Lvant Nofsani, l-Afghanistan, il-Mediterranju u l-Afrika;

19. Jemmen li l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-proliferazzjoni ta' l-armamenti għall-qerda tal-massa jibqgħu l-ikbar sfidi tas-sigurtà għaż-żewġ imsieħba; għalhekk jisħaq fuq il-bżonn taż-żewġ naħat li jsaħħu l-kollaborazzjoni tagħhom f'dan il-qasam u li jappoġġjaw l-irwol li n-NU jrid ikollha fil-ġlieda għaż-żewġ sfidi;
20. Jemmen li hemm il-ħtieġa li wieħed jiddefinixxi, flimkien ma' l-Istati Uniti, qafas konġunt biex jissalvagwardja l-garanziji meħtieġa fis-sħubija speċjali bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, li jista' wkoll ikollu x'jaqsam ma' l-aspetti kollha marbuta mal-moviment ħieles ta' persuni bejn l-UE u l-Istati Uniti; iqis li, f'din il-perspettiva, il-kuntatti bejn il-Parlament u l-Kungress għandhom jissaħħu;
21. Jemmen li l-UE u l-Istati Uniti huma alleati fundamentali u leali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, li hija għaliex huwa fl-interess komuni li tintlaħaq ftehim ta' tajba fuq il-fajls relatati ma' l-iskambju ta' dejta personali bħall-PNR jew l-affari SWIFT; jemmen li l-iskambju ta' dejta personali jrid isir fuq bażi legali propja, marbuta ma' regoli u kundizzjonijiet ċari u trid tkunu koperta minn protezzjoni adegwata tal-privatezza u l-libertajiet ċivili ta' ċittadini individwali;
22. Jilqa' l-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar il-kwistjoni nukleari Iranjana, u jħeġġeġ liż-żewġ imsieħba biex ikompli l-kooperazzjoni fit-tisħiħ ta' l-IAEA u fl-istabbiliment ta' sistema komprensiva ta' ftehimiet internazzjonali dwar in-non-proliferazzjoni ta' armamenti għall-qerda tal-massa sabiex isaħħu t-Trattat ta' Non-Proliferazzjoni b'mod konġunt bħala element ewlieni fil-prevenzjoni tal-firxa ta' l-armamenti nukleari;
23. Ifakkar l-opinjoni tan-NATO, li tibqa' rabta importanti bejn l-Ewropa u l-Istati Uniti u garanti tas-sigurtà Ewropea, għandha tiżviluppa l-potenzjal tagħha bħala forum transatlantiku għal dibattitu politiku fi sħubija vera bejn partijiet ugwali; għal dan il-għan jirrakkomanda relazzjoni eqreb tas-sigurtà bejn in-NATO u l-UE, b'mod partikolari fir-rigward tas-sitwazzjoni fil-Kosovo fejn l-UE se tiegħu r-responsabilità ta' l-UNMiK f'idejha filwaqt li se jibqgħu hemm madwar 16 000 suldat tan-NATO; jemmen li sħubija ta' l-UE-US iżjed b'saħħitha trid tikkomplimenta, iżjed milli tfikkell, din ir-relazzjoni;
24. Jitlob lill-Istati Uniti biex tirdoppja l-isforzi tagħha biex tikkonsulta u tispijega s-sistema ppjanata tad-difiża bil-missili fin-NATO sabiex tippermetti lill-Alleanza u lill-Ewropa biex jibqgħu magħqudin, biex jirreżistu pressjoni barranija u jevitaw milli jinqasmu f'inħawi ta' sigurtà differenti; jisħaq l-importanza li jitfittxu l-konsultazzjonijiet dwar is-sistema fil-Kunsill NATO-Russja; Jisħaq li s-sistema ta' l-Istati Uniti għandha tkun koordinata u interoperabbli mas-sistema tan-NATO tad-Difiża bil-Missili Ballistiċi ta' Firxa Usa' (Theatre Ballistic Missile Defence)(TBMD);
25. Jisħaq l-impenn tiegħu biex ikompli jikkontribwixxi għas-saħħa u l-istabilità tas-Sħubija Transatlantika permezz ta' l-indhul tiegħu fid-Djalogu Transatlantiku tal-Leġiżlaturi; jappoġġja l-isforz biex tiġi stabbilita sistema leġiżlattiva li tagħti sinjal minn kmieni bejn il-Parlament Ewropew u l-Kungress ta' l-Istati Uniti;

Servizzi Finanzjarji

26. Jitlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta strateġija għal pożizzjoni komuni u konsistenti ta' l-UE, difiża mill-Istati Membri kollha, fir-regolazzjoni tas-servizzi finanzjarji;
27. Jerġa' jgdeded it-talba tiegħu lill-Kummissjoni¹ biex tinvestiga, bħala fatt urġenti, il-fatt li l-kumpaniji u s-setturi ta' l-UE b'operazzjonijiet fl-Istati Uniti mhux koperti mill-ftehma Safe Harbour jistgħu preżentament jiġu mġiegħla jagħmlu d-dejta personali disponibbli għall-awtoritajiet ta' l-Istati Uniti, b'mod partikolari fergħat ta' l-Istati Uniti f'banek Ewropej, kumpaniji ta' l-assigurazzjoni, istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u fornituri ta' servizzi tat-telecoms;
28. Isaqsi lill-Kummissjoni biex tiżgura drittijiet ekwivalenti ta' pussess (eż. tal-borża, istituzzjonijiet finanzjarji u relatati) fit-territorji ta' xulxin għal ċittadini u intrapriżi ta' l-UE u ta' l-Istati Uniti; isaqsi lill-Kummissjoni x'bi ħsiebha tagħmel rigward il-Fondi Hedge billi tqis li l-Istati Uniti qed tipprepara proposti dwar dan.
29. Isaqsi lill-Kummissjoni biex tigarantixxi li l-attivitajiet kollha u b'mod partikolari l-merger transatlantiku u/jew ix-xiri ta' borżi u istituzzjonijiet finanzjarji oħra mhux se jwasslu, b'mod dirett jew indirett, biex il-liġi ta' l-Istati Uniti, is-superviżjoni u l-ktieb tar-regoli jiġu imposti fl-UE; bħal fil-każ ta' sanzjonijiet kontra l-industrija tat-turiżmu Ewropea u iżjed reċenti wara x-xiri ta' banek Ewropej.

Bijodiversità u Saħħa

30. Jilqa' l-*Inizjattiva Potsdam* miftiehma (17.03.2007) mill-G8+5 (iċ-Ċina, l-Indja, il-Messiku, l-Afrika t'Isfel u l-Brażil), li hija immirata biex tgħin tikkontrolla t-telf massiv tal-bijodiversità sa l-2010; iħeġġeġ il-G8+5 biex jimplimenta b'mod urġenti l-inizjattiva adottata u biex jipprovdi ffinanzjar ħalli jipproteġi l-oċeani, biex jappoġġja r-riċerka u biex itejjeb l-immonitorjar ta' speċji mhedda mill-estinzjoni;
31. Jinsab imħasseb dwar l-intenzjoni tal-Kungress ta' l-Istati Uniti li jawtorizza importazzjonijiet paralleli ta' mediċini mill-Istati Membri ta' l-UE, li jista' joħloq ostakoli lill-provvista tal-pazjenti ta' l-UE u jaħdem favur l-iffalsifikar tal-mediċini; għalhekk isaqsi lill-UE biex tqajjem din il-kwistjoni waqt is-Samit li ġej;
32. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-parlamenti ta' l-Istati Membri u lill-President u lill-Kungress ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika.

¹ Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar SWIFT, il-ftehma PNR u d-djalogu transatlantiku dwar dawn il-kwistjonijiet P6_TA-PROV(2007)0039